MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 704/1996/1

**FORMOSA & CAMILLERI LTD**., bħala aġenti f'Malta tas-soċjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance P.l.c., surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha s-soċjeta' Michael Attard Limited

**vs**

**SEA MALTA COMPANY LIMITED** bħala armaturi tal-bastiment *Pinto* u The Cargo Handling Co. Ltd.

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-1 ta' Marzu, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib lill-kumpanniji mħarrkin, jew lil min minnhom, responsabbli għall-ħsarat li ġarrbu xi karozzi li nġarrew fuq il-bastiment *m.v. Pinto* mill-Port ta' Marsilja, fi

Franza, għal Malta, f'Marzu tal-1995; (b) tikkundannahom, jew lil min minnhom, iħallsuha s-somma ta' tliet mija u tnejn u disgħin lira Maltija (Lm 392)[1] rappreżentanti l-ħsara hemm riskontrata u *survey fees*, bl-imgħaxijiet legali minn dak inhar li nfetħet il-kawża. Talbet ukoll l-ispejjez;

Rat in-Nota mressqa fid-29 ta' Mejju, 1996, li biha l-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Co. Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "TCH") laqgħet għall-azzjoni billi qalet li l-azzjoni attriċi kontra tagħha m'hijiex mistħoqqa billi l-karozzi tniżżlu minn fuq il-bastiment bil-ħsara, kif joħroġ mill-*Joint Tally Sheet*. F'kull każ, hija ma kinitx taħti għall-ħsarat imġarrbin mill-kumpannija attriċi kemm taħt id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 86 tar-Regolamenti tal-1966 dwar il-Portijiet u kif ukoll tar-Regolamenti 70 u 90 tal-istess. Ċaħdet li hija għandha tħallas l-ispejjeż tas-*survey* jew li tħallas xi mgħax;

Rat in-Nota mressqa fil-11 ta' Ġunju, 1996, li biha l-kumpannija mħarrka Sea Malta Company Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "SMC") laqgħet għall-azzjoni attriċi billi irriferiet għall-klawsoli ta' eżoneru fil-polza ta' tagħbija dwar karozzi li jitħallew fil-beraħ u dwar ħsara li tiġri mill-għamil, traskuraġni jew omissjoni tal-ħaddiem mqabbdin mill-armatur waqt li jkunu qegħdin iġorru l-merkanzija. Fl-aħħar laqgħet billi qalet li d-danni mitluba ma jirriżultawx mit-*tally sheets* u li hija m'għandhiex tbati xi spejjeż tas-*survey*;

Rat id-Degriet tat-18 ta' Novembru, 1996[2], li bih il-kawża tħalliet *sine die*;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-7 ta' Jannar, 1997[3], li bih u fuq talba tal-kumpannija attriċi b'rikors tat-3 ta' Jannar, 1997, reġgħet qegħdet il-kawża għas-smigħ fuq il-listi;

Rat id-Degriet tagħha tas-7 t'April, 1997[4], li bih il-kawża reġgħet tħalliet *sine die*;

---

[1] € 913.11 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 34 tal-proċess
[3] Paġ. 36 tal-proċess
[4] Paġ. 38 tal-proċess

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-11 t'April, 1997[5], li bih u fuq talba mill-ġdid tal-kumpannija attriċi b'rikors tagħha tat-8 t'April, 1997, reġgħet qegħdet il-kawża għas-smigħ fuq il-listi;

Rat ix-xhieda tal-partijiet, magħduda dik imressqa minnhom bil-meżż tal-affidavit;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-22 t'Ottubru, 1999, li bih u fuq talba magħmula mill-kumpannija attriċi b'rikors tagħha tat-18 t'Ottubru, 1999, waqfet milli tagħti s-sentenza u tat lill-istess kumpannija l-fakulta' li tressaq nota ta' osservazzjonijiet;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fit-18 t'Ottubru, 1999[6];

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Marzu, 2000[7], li bih u għar-raġuni hemm imsemmija, reġgħet waqfet milli tagħti s-sentenza;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka SMC fl-24 ta' Mejju, 2000[8], bi tweġiba għal dik magħmula mill-kumpannija attriċi;

Rat in-Nota ta' Astensjoni[9] moqrija waqt is-smigħ tad-29 ta' Novembru, 2000, meta l-kawża ġiet mgħoddija lil din il-Qorti kif presjeduta;

Rat illi l-kawża kienet imħollija mill-ġdid għas-sentenza minn din il-Qorti kif presjeduta;

Rat id-Degriet tagħha tat-18 t'April, 2002, li bih u fuq talba mill-kumpannija mħarrka TCH, waqfet milli tagħti s-sentenza u tat żmien lill-istess kumpannija mħarrka biex tressaq Nota ta' Osservazzjonijiet dwar il-każ;

---

[5] Paġ. 40 tal-proċess
[6] Paġġ. 74 sa 80 tal-proċess
[7] Paġ. 81 tal-proċess
[8] Paġġ. 98 sa 100 tal-proċess
[9] Paġ.104 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka TCH fit-30 t'April, 2002[10];

Semgħet it-trattazzjoni tal-aħħar tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti li bihom il-kawża tħalliet għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal rifużjoni ta' ħlas magħmul mill-kumpannija attriċi lill-assikurat tagħha, minħabba ħsarat li rriżultaw f'merkanzija miġjuba f'Malta mill-importatur assikurat tagħha, u liema ħsarat il-kumpannija attriċi tgħid li jaħtu għalihom il-kumpanniji mħarrkin, jew mi minnhom;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka TCH laqgħet billi qalet li ma taħti xejn għall-ħsarat li ġarrbet il-merkanzija tal-assikurat, billi din il-ħsara saret qabel ma l-merkanzija tniżżlet minn fuq il-bastiment: minbarra dan, tgħid li hija meħlusa wkoll minn kull responsabbilta' bis-saħħa tar-Regolamenti u liġijiet fis-seħħ fiż-żmien tal-iżbark. Fuq kollox, twarrab kull responsabbilta' dwar il-ħlas ta' imgħaxijiet jew tal-ispejjeż minfuqain mill-kumpannija assikuratriċi attriċi biex sar is-*survey* tal-ħsarat imġarrba;

Illi, min-naħa tagħha, il-kumpannija mħarrka SMC laqgħet billi qalet li l-klawsoli ta' eżoneru fil-polza ta' kariku jeħilsuha minn kull responsabbilta' għall-ħsarat ilmentati mill-assikurat;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-kumpannija Michael Attard Limited ġabet f'Malta konsenja ta' tnejn u erbgħin (42) karozza tal-marka Peugeot fil-25 ta' Marzu, 1995, fuq il-bastiment *m.v. Pinto* mħaddem mill-kumpannija mħarrka SMC. Dawn il-karozzi tgħabbew fil-port ta' Marsilja, fi Franza, fit-22 ta' Marzu, 1995, u l-ġarr tagħhom huwa regolat b'polza ta' karigu maħruġa fit-22 ta'

[10] Paġġ. 114 sa 120 tal-proċess

Marzu, 1995[11]. Il-bastiment wasal Malta fil-25 ta' Marzu, 1995. Il-karozzi tniżżlu minn abbord taħt is-sistema tar-*roll-on-roll-off* billi nsaqu[12], u huma u jitniżżlu saret *joint tally sheet* minn rappreżentant tal-armatur u ta' TCH[13]. Fuqha saret rimarka li fi tnejn mill-vetturi kien hemm xi ħsara. Meta l-karozzi tniżżlu minn fuq il-bastiment, tqegħdu fix-Xatt tal-Laboratorju, taħt il-kontroll tal-kumpannija mħarrka TCH u l-kumpannija Michael Attard Limited irtirathom fis-27 ta' Marzu, 1995, f'liema okkażjoni saret il-*Gate Pass-out* iffirmata minn rappreżentant tal-konsenjatarju tal-merkanzija u rappreżentant ta' TCH[14]. Qabel ma nħarġu, saru annotazzjonijiet[15] dwar il-ħsarat jew nuqqas li irriżultaw f'uħud mill-karozzi, u sar eżami fuqhom minn *surveyor* maħtur mill-kumpannija attriċi[16], fuq *claim* magħmula mill-assikurat tagħha[17];

Illi l-kumpannija attriċi ħallset lill-assikurat tagħha (Michael Attard Limited) Lm 364 biex għamlet tajjeb għall-ħsarat imġarrba minnha[18]. Mal-ħlas, il-kumpannija attriċi ġiet surrogata fil-jeddijiet tal-kumpannija Michael Attard Limited, dwar il-ħsarat jew nuqqas riżultanti fil-karozzi importati[19]. Il-kumpannija assikuratriċi interpellat lill-kumpanniji mħarrkin f'Mejju tal-1995, u dawn it-tnejn wieġbu li ma kenux responsabbli. Fl-1 ta' Marzu, 1996, infetħet il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ</u>, dawn iduru b'mod partikolari mal-kwestjoni tar-responsabbilta' għall-ħsarat reklamati mill-assikurat tal-kumpannija attriċi. F'dan il-każ, il-kumpannija attriċi assikuratriċi tgħid li r-responsabbilta' għall-ħsarat imġarrbin mill-assikurat tagħha u li hija għamlet tajjeb għalihom hija responsabbilta' li jridu jerfgħu ż-żewġ kumpanniji mħarrkin;

---

[11] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess
[12] Affidavit ta' Emanuel Mallia, f'paġ. 60 tal-proċess
[13] Dok "ED1", f'paġ. 26 tal-proċess
[14] Dok "F", f'paġ. 11 tal-proċess
[15] Dok "Ċ", f'paġ. 8 tal-proċess
[16] Dokti "AM" u "JF", f'paġġ. 44 u 47 tal-proċess
[17] Dok "D", f'paġ. 9 tal-proċess
[18] Dok "E", f'paġ. 10 tal-proċess
[19] Dok "G", f'paġ. 12 tal-proċess

Illi l-Qorti tqis li meta l-karozzi ttellgħu abbord il-bastiment, ingħatat polza ta' tagħbija li kienet tgħid ċar u tond li l-merkanzija kienet "*clean on board*". Huwa miżmum li klawsola bħal dik fuq il-polza ta' tagħbija tikkostitwixxi stqarrija min-naħa tal-armatur tal-bastiment li jkun tellagħha abbord li dik il-merkanzija kienet f'kundizzjoni tajba u bla mittiefsa, filwaqt li jitgħabba bir-responsabbilta' li jwassalha f'dak l-istat tajjeb fi tmiem il-vjaġġ[20]. Kemm hu hekk, huwa prinċipju stabilit li "*such statements in a bill of lading shall be prima facie evidence of the receipt by the carrier of the goods as so described, but conclusive evidence against him once the bill has been transferred to a third party acting in good faith*"[21];

Illi meta l-karozzi tniżżlu minn fuq il-bastiment, ittieħed rendikont tal-merkanzija li nħattet u dan fuq it-*tally sheet.* Dan kien wieħed konġunt u fih – li kien jirreferi għall-kunsinna sħiħa ta' karozzi ta' għamliet differenti (mhux biss dik mertu tal-każ) – tniżżlet rimarka dwar il-kundizzjoni tagħhom. Fost dawn tissemma l-kundizzjoni li f'karozza minnhom kien hemm "*windows unlocked*" u rimarka oħra "*left hand front mudguard dented*". Fil-fatt, jirriżulta li, minbarra dik it-*tally sheet*, saret oħra mill-kumpannija SML[22], li wkoll saret rimarka fiha. L-istess dokument, minbarra li jġib il-firma tar-rappreżentant tal-armatur tal-bastiment, fih il-firma wkoll ta' rappreżentant tal-kumpannija mħarrka TCH, li ħadet taħt il-kontroll tagħha l-imsemmija karozzi meta dawn tniżżlu minn abbord. Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu juri li, matul il-vjaġġ, il-merkanzija li ttellgħet abbord bla ħsara, fil-fatt ġarrbet xi ħsara qabel ma għaddiet fċidejn il-kumpannija mħarrka TCH;

Illi ġara li, għar-rigward tal-polza ta' tagħbija li kienet tgħodd għall-karozzi mertu ta' din il-kawża, kien hemm imniżżla r-rimarka "*Vessel not responsible for accessories and/or other goods left inside vehicles nor any interior damage to upholstery fittings or accessories*". Dwar din

---

[20] Ara App. Kumm. **5.6.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamo et noe vs Mifsud et noe*** (Kollez. Vol : **LXXI.ii.330**) u P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Micallef et noe vs Godwin Abela noe et***

[21] J.F. Wilson *Carriage of Goods by Sea* (5th Edit., 2004), paġ. 119

[22] Dok "B", f'paġ. 31 tal-proċess

il-klawsola, l-Qorti jidhrilha xieraq li tagħmel xi kunsiderazzjonijiet, fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrka SML. Normalment, klawsoli bħal dawn ma jagħtux *carte blanche* lill-vettural jew l-armatur ta' bastiment[23]. Dan jingħad għaliex ma jistax ikun aċċettat li klawsoli bħal dawn iġibu fix-xejn bis-saħħa ta' sempliċi klawsola kważi formali l-obbligi dikjarati tat-trasportatur fir-rigward tal-merkanzija fdata f'idejh. Fit-tieni lok, huwa miżmum ukoll li, jekk u safejn tali klawsoli jiswew, trid tingħata tifsira letterali għal dak li jgħidu, ladarba jikkostitwixxu eċċezzjonijiet għar-regola tar-responsabbilta'. Issa fil-każ tal-lum, l-imsemmija klawsola tagħmilha ċara li tirreferi għal ħsarat jew nuqqasijiet interni fil-karozzi mgħobbija. Dan ifisser li l-klawsola ma kinitx tgħodd għal dawk il-ħsarat jew nuqqasijiet li jkunu fuq in-naħa ta' barra tagħhom. Fil-każ tal-lum, il-ħsarat riskontrati fil-karozzi kienu ħsarat fuq barra, u għalhekk, l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa';

Illi l-istess raġunament jista' jsir dwar it-tielet eċċezzjoni ta' SML, u ma jidhirx li hija wriet kif il-ħsarat li ġarrbu wħud mill-karozzi – żgħar kemm kienu żgħar – u li ssemmew fit-*tally sheets* tista' taħrab milli twieġeb għalihom billi tistrieħ biss fuq il-klawsoli ġenerali tal-polza ta' tagħbija. SML qatt ma ressqet provi f'din il-kawża u lanqas meriet ix-xhieda mressqa mill-partijiet l-oħrajn. Għalhekk ukoll it-tielet eċċezzjoni ta' SML m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi, min-naħa l-oħra, meta l-karozzi ġew biex jinħarġu mix-Xatt tal-Laboratorju li huwa lok taħt il-kontroll ta' TCH, issemma li wħud mill-karozzi li ġew rilaxxati kellhom xi ħsarat fihom. Dan issemma fil-*Gate Pass-Out*. Dan id-dokument kien iffirmat minn rappreżentant tat-TCH u wkoll minn rappreżentant tar-riċevitur. Magħhom kien hemm ukoll is-*surveyor* tar-riċevitur, wieħed John Falzon, li eżamina l-karozzi qabel inħarġu minn taħt idejn it-TCH;

Illi għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjonijiet tal-imħarrka TCH safejn huma maħsuba li jeħilsuha mir-responsabbilta' taħt

---

[23] Ara App. Ċiv. **1.3.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd. noe vs Sea Malta Company Limited*** (mhix pubblikata) u P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Noel Ellul noe vs Joseph Apps noe et***

ir-Regolamenti tal-Port, jingħad biss li dawn kienu sensiela ta' eċċezzjonijiet li l-imsemmija kumpannija kienet tressaq b'mod sistematiku f'għadd ta' kawża ta' din l-għamla. Din il-Qorti m'hijiex sejra tidħol fl-eżami tagħhom, ukoll minħabba l-fatt li f'numru kbir ta' deċiżjonijiet studjati oħrajn, ġiet stabilita l-infondatezza tal-imsemmija eċċezzjonijiet imtellgħin bħala kenn preventiv bil-ħsieb li jeħlisha mir-responsabbilta' għaż-żamma ta' merkanzija fil-kontroll tagħha[24]. Dan jingħad għaliex mhux il-klawsoli kollha ta' eżoneru f'kuntratt jistgħu jitqiesu leċiti, billi ma tista' qatt tkun leċita klawżola fejn parti teħles lilha nnifisha mir-responsabbilta' ta' ħsara li ssir b'għemilha[25], sewwasew fejn il-qagħda tagħha kienet dik li tuża l-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[26]. B'mod partikolari, issir riferenza għall-ħames eċċezzjoni tal-imsemminja kumpannija mħarrka u jingħad li l-fatt li fil-każ ta' "*unit loads or unitised cargo*" isir l-għoti ta' riċevuta min-naħa tad-Direttur tal-Port jew il-kuntrattur tiegħu, dan bl-ebda mod ma jfisser li b'daqshekk l-istess Direttur tal-Port jew il-kuntrattur tiegħu jistgħu bla konsegwenzi ta' xejn jikkonsenjaw vetturi żarmati mill-aċċessorji tagħhom meta jkun intwera li dawn ikunu waslu għandhom bl-aċċessorji tagħhom f'posthom. L-istess jingħad fil-każ ta' merkanzija li tkun maħżuna fil-beraħ f'inħawi taħt il-kontroll tad-Direttur tal-Port jew tal-kuntrattur tiegħu għar-riskju tas-sid: f'każ bħal dan huma ma jeħilsux mir-responsabbilta' għall-egħmejjel kriminali jew dolużi tal-impjegati tagħhom jew ta' terzi daqslikieku l-merkanzija kienet mormija f'xi għalqa[27];

Illi, min-naħa tagħha, il-kumpannija mħarrka TCH ma ressqet l-ebda provi jew sottomissjonijiet biex issostni l-imsemmija eċċezzjonijiet, u għalhekk il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-ewwel, it-tieni, l-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tagħha;

---

[24] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ Costanzi noe vs Sullivan Maritime Limited et*** (kollez. Vol: **LXXXIII.ii.139**) u App.Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef Stafraċe noe vs Gollcher noe***

[25] App. Kumm. **8.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri et vs Mifsud et*** (Kollez. Vol: **XLI.i.616**) u App. Kumm. **8.11.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Walter Bonello vs Carmel Caruana*** (mhix pubblikata)

[26] P.A. PS **9.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Simon Micallef Stafraċe noe vs Godwin Abela noe et***

[27] P.A. FGC **11.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Insurance Agency Limited noe vs The Cargo Handling Company Limited*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Peter Borġ Costanzi noe vs William Harding noe et*** (mhix pubblikata)

Illi għall-bqija, f'każijiet bħal dawn l-istħarriġ tal-pretensjonijiet attriċi jiddependi wisq minn kemm id-dokumenti li jixhdu l-ġrajja tat-traġitt għandhom jitwemmnu. Dan jingħad għaliex dawk id-dokumenti, ġeneralment, ikunu saru fil-ħin tal-ġrajja partikolari u jkunu għalhekk mistennija li jservu bħala dokumentarju ta' dawk il-ġrajja[28]. Kif ingħad b'awtorita' kostanti[29], it-tiftix għar-responsabbilta' f'każijiet ta' *claims* dwar merkanzija tintrabat ma' żewġ waqtiet fokali: l-ewwel huwa dak il-waqt meta l-merkanzija tinħatt minn fuq il-bastiment (liema operazzjoni tiġi normalment riflessa fit-*tally sheet*) u t-tieni waqt huwa dak meta l-merkanzija tinħeles favur l-importatur jew destinatarju tal-merkanzija (liema operazzjoni tiġi normalment riflessa fil-*Gate Pass-out*);

Illi l-imsemmija dokumenti jagħmlu prova qawwija u ta' min joqgħod fuqha ta' dak li jgħidu, imma hija prova *juris tantum* u mhux irribattibbli[30] li tista' titwaqqa' biss bi provi oħrajn daqstant qawwija. Għalhekk, dawn id-dokumenti ma jistgħux jitwarrbu fuq sempliċi konġettura, jew taħt l-iskuża li jkunu saru b'għaġġla u nuqqas ta' reqqa[31], jew bi provi li jitnisslu wara ż-żmien li għalihom dawk id-dokumenti jirreferu[32]. Fuq kollox, l-imsemmija dokumenti iridu jkunu mera tal-proċess tal-ġarr tal-merkanzija li għalih jirreferu u jippruvaw, għalhekk, l-istat ta' dik il-merkanzija f'kull waqt determinanti tal-vjaġġ sal-konsenja lill-importatur[33];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti l-istħarriġ tal-ilmenti tal-kumpannija attriċi dwar il-ħsara mġarrba mill-merkanzija tal-assikurat tagħha jinbnew essenzjalment fuq iż-żewġ *tally sheets* li saru meta l-karozzi kienu qegħdin jitniżżlu minn fuq il-bastiment, u mill-*Gate Pass-Out* li sar meta l-karozzi nħelsu f'idejn ir-riċevitur. Hemm

---

[28] App. Kumm. **6.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***David Curmi noe Carmel Mallia et noe***
[29] Ara, per eżempju, P.A. PS **18.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Simon Micallef Stafraċe noe vs Godwin Abela et noe*** fost l-oħrajn.
[30] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Galdes noe et vs Godwin Abela noe et***
[31] App. Ċiv. **12.6.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd. noe vs SeaMalta Co Ltd. et***
[32] App. Kumm. **20.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt noe vs Sciberras noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.903**)
[33] App. Ċiv. **19.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Giovanni Griscti noe vs John Cooper noe et*** (mhix pubblikata)

ukoll is-*survey* li sar waqt li l-karozzi kienu għadhom taħt il-kontroll tal-imħarrka TCH[34]. Għall-Qorti huwa fatt ta' siwi kbir li l-ebda waħda mill-partijiet ma meriet il-kontenut tal-imsemmija dokumenti. Minbarra dan, jidher li l-partijiet ressqu ftit provi aktar mill-imsemmija dokumenti u x-xhud li nġiebu xehdu, tista' tgħid, dwarhom biss;

Illi meta wieħed jibni l-fatti riżultanti mill-imsemmija dokumenti, wieħed ikollu jasal għall-fehma loġika li l-ħsara mġarrba mill-assikurat tal-kumpannija attriċi seħħet kemm waqt il-vjaġġ tal-bastiment lejn Malta u kif ukoll waqt li l-karozzi kienu miżmuma – wkoll jekk għal żmien qasir ta' madwar jumejn – taħt il-kontroll tal-imħarrka TCH. Minn dawn id-dokumenti, titnissel il-prova li l-merkanzija tgħarrqet l-aktar kemm damet fil-kontroll tal-kumpannija mħarrka TCH. Fiż-żmien li hija kienet qegħda żżomm dik il-merkanzija, kellha l-obbligi ta' depożitarja li titħallas tas-servizz li tagħti u li, għalhekk, kellha twettaq id-dmirijiet tagħha bl-ogħla grad ta' għaqal u kura[35]. Mill-fatt li jirriżulta li xi karozzi saritilhom ħsara kemm damu fil-kustodja tagħha, jinstilet il-fatt li hija naqset li twettaq l-obbligi kuntrattwali tagħha u għalhekk taħti għall-imsemmija ħsarat u trid tagħmel tajjeb għalihom;

Illi għal dik il-ħsara li tkun seħħet sakemm il-karozzi kienu għadhom abbord il-bastiment, ma tistax twieġeb il-kumpannnija mħarrka TCH imma l-kumpannija l-oħra SML. Meta l-Qorti qabblet il-ħsarat imsemmija fit-*tally sheet* mal-ispejjeż minfuqa mir-riċevitur biex għamel tajjeb għall-ħsarat kollha li ġarrab[36], tasal biex tillikwida l-ħsara li trid twieġeb għaliha l-kumpannija mħarrka SML fl-ammont ta' € 139.76;

Illi jibqa' biss il-kwestjoni tal-parti tat-talba attriċi li titlob il-ħlas tal-ispejjeż tas-*survey*. Il-Qrati tagħna f'kawżi bħal dawn, normalment, iqisu dawn l-ispejjeż minfuqin biex isir rapport ta' *surveyor* bħala ħlas meħtieġ biex jista' jiġi

---

[34] Affidavit ta' Mark Micallef, Dok "AM" f'paġ. 44 tal-proċess
[35] Ara App. Ċiv. **6.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Causon noe vs Abela noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1284)**
[36] Ara Dok "E", f'paġ. 10 tal-proċess

stabilit id-dannu mġarrab mill-assikurat[37]. Iżda huwa wkoll stabilit li t-talba għall-ħlas tal-ispejjeż tar-rapport tas-*surveyor* ma tistax titqies bħala parti mill-jeddijiet li fihom il-kumpannija assikuratriċi tiġi surrogata fil-jeddijiet tal-assikurat tagħha, għaliex is-*survey* ma jħallasx għalih ir-riċevitur assikurat[38]. Għalhekk, dawn l-ispejjeż jistgħu jintalbu mill-kumpannija assikuratriċi biss jekk iseħħilha turi li tassew nefqithom hi u tassew ikun sar is-*survey* li dwaru qegħda tippretendi l-ħlas. Minbarra dan, huwa stabilit ukoll li l-ispejjeż tas-*survey* iridu jkunu relatati mal-volum taċ merkanzija li tirriżulta danneġġata bċnuqqasijiet jew ħsarat. Dan għaliex hija biss dik il-parti tal-imsemmija spejjeż li tkun meħtieġa biex wieħed jara kemm kienet kbira l-entita’ tad-dannu mġarrab mill-assikurat[39];

Illi, fil-każ li għandna quddiemna, jirriżulta li s-*survey* sar fuq tnejn u erbgħin (42) vettura u nstabet ħsara fuq sebgħa (7) biss minnhom, jiġifieri fuq waħda minn kull sitta. Għalhekk, bi tħaddim tal-imsemmi prinċipju, l-kumpannija attriċi assikuratriċi m’għandhiex il-jedd li titlob ir-rifużjoni tal-ispejjeż kollha tas-*survey* imma biss dwar €11 minnhom;

Illi, mill-bqija, għar-rigward tal-ammont ta’ ħsara li tagħha l-kumpannija attriċi għamlet tajjeb lill-assikurat tagħha għat-tiswija tal-ħsarat riskontrati, ma jidher li hemm l-ebda kontestazzjoni u l-Qorti sejra tilqa’ t-tieni talba attriċi f’dak ir-rigward;

Illi ż-żewġ kumpanniji mħarrkin jikkontestaw ukoll it-talba għall-ħlas tal-imgħaxijiet. Il-Qorti jidhrilha li, ladarba l-kumpannija attriċi stabiliet il-ħsara fl-att taċ-Ċitazzjoni nnifsu, ikun xieraq li l-istess imgħaxijiet jibdew jgħaddu minn dak inhar li l-imħarrkin laqgħu n-notifika tal-atti tal-kawża[40]. Mill-atti tal-kawża joħroġ li n-notifika saret fl-24 ta’ Mejju, 1996[41];

---

[37] App. Ċiv. **15.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef Stafraċe noe vs Abela noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.147)**

[38] App. Kumm. **6.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Robert Staines noe vs Godwin Abela noe et*** (mhix pubblikata)

[39] App. Ċiv. **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Robert Staines noe vs James Gollcher noe et***

[40] P.A. PS **18.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Simon Micallef Stafrace noe et vs Godwin Abela noe et***

[41] Paġ. 18 *tergo* tal-proċess

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li ż-żewġ kumpanniji mħarrka jaħtu, fil-grad li sejjer jingħad hawn isfel, għall-ħsarat imġarrba f'seba' (7) karozzi minn kunsinna ta' tnejn u erbgħin (42) li tniżżlu minn fuq il-bastiment *M.v. Pinto* fil-25 ta' Marzu, 1995, liema ħsara l-kumpannija attriċi assikuratriċi għamlet tajjeb għaliha mar-riċevitur assikurat tagħha;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tillikwida d-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi fis-somma ta' tmien mija u tmienja u ħamsin ewro u disgħin ċenteżmi (€858.90), magħduda fihom ir-rata mill-ispejjeż tas-*survey*;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Company Limited tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' seba' mija u dsatax-il euro u erbatax-il ċenteżmu (€ 719.14) u lill-kumpannija mħarrka Sea Malta Company Limited is-somma ta' mija u disgħa u tletin euro u sitta u sebgħin ċenteżmi (€ 139.76) rappreżentanti d-danni likwidati kif fuq ingħad, it-tnejn bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somom rispettivi b'seħħ mill-24 ta' Mejju, 1996, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** taż-żewġ kumpanniji mħarrkin bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-istess kumpanniji mħarrka biex iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża** kwantu għal erbgħa minn ħames partijiet ($^{4}/_{5}$) mill-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Co Limited u kwantu għal parti minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) mill-kumpannija mħarrka Sea Malta Co Limited.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------